**Kunsill Lokali – Marsaxlokk – Local Council**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali MARSAXLOKK**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 17**

**Il-Ġimgħa 10 ta' Lulju 2020**

Il-Kunsilli Lokali ta' Marsaxlokk iltaqa' fil Binja tal Kunsill , li tinsab fl-indirizz 2, Triq Vittorio Cassar, Marsaxlokk - fl-4:00 ta' wara nofs in-nhar.

**PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Steven Grech | – | Sindku |
| Elenia Desira | – | Viċi Sindku |
| Janice Chetcuti | – | Kunsillier |
| Daniel Zerafa | – | Kunsillier |
| Stephen Caruana | – | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Charles Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 17.1 | **<u>Qari ta' ittri ta' apoloġiji</u>** |
| 17.1.1 | Xejn |
| **17.2** | **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti</u>** |
| 17.2.1 | Kopja tal-minuti tas-seduta preċedenti numru 16 tqassmet lill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u għaldaqstant il-minuti ta' dawn il-laqgħat ittieħdu bħala moqrija. |
| 17.2.2 | Is-Sindku Steven Grech Ippropona u Is-Sin. Elenia Desira issekondat bħala koretti, il-minuti tas-seduta preċedenti numru 16 u ġew approvati b'votazzjoni unnanima fost dawk preżenti. |
| **17.3** | **<u>Komunikazzjonijiet mis-Sindku</u>** |
| 17.3.1 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fil-15 ta' Ġunju 2020 kien hemm konferenza stampa fis-2pm ħdejn il-*Breakwater*, fejn attendew l-Onor. Ministru Ian Borg u l-Onor. Anton Refalo. Il-Kunsill ma kienx infurmat/ mistieden però is-Sindku attenda għall-istess konferenza stampa. Is-Sindku tkellem mal-Ministri preżenti fejn ġie diskuss il-Hard Standing ta Port Ruman u talab l-għajnuna tal-Project Malta rigward il-ġnien ta' wara l-Car Park. |
| 17.3.2 | Is-Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li fis-17 ta Ġunju 2020 fil-11am is-Sindku attenda għall-laqgħa li saret il-Forti Sant Iermu l-Belt Valletta. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti l-Onor. Ministru Ian Borg u l-Onor. Ministru Hose' Herrera, Fejn ġie diskuss il-Progett 'Slow Street's biex jigħalaq ix-xatt għal-karozzi u tiġi zona Pedonali. |
| 17.3.3 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-18 ta' Ġunju 2020 kien hemm press conference fl-10.30am mill-Onorevoli Ministru Anton Refalo fejn attenda l-Kunsillier Stephen Caruana. |
| 17.3.4 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fit-22 ta' Ġunju 2020, fid-9.00am is-Sindku flimkien mal-Assistent Prinċipal Jordy Brincat attendew għall-iffirmar tal-ftehim ġewwa Casa Leoni Triq San Ġużepp, St.Venera, bejn il-Ministeru tal-Ambjent u Tibdil tal-Klima u Ippjanar u l-Kunsill Lokali, liema ftehim kien parti mill-Inzjattiva Ambjentali Inħaddru Pajjiżna. |
| 17.3.5 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-24 ta' Ġunju 2020 fl-4pm ġewwa is-Sala Parrokjali saret laqgħa, fejn attendew is-Sindku, l-Kunsilliera kollha flimkien mas-Sur Psaila uffiċjal tal-Protezzjoni Ċivili fejn ġiet diskussa is-simmulazzjoni tas-Tsunami. |
| 17.3.6 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li fl-1 ta' Lulju 2020 is-Sindku flimkien mall Kunsilliera Daniel Zerafa attendew għal-laqgħa fl-10am fil-Kunsil Lokali mal-organizzaturi tal-Fish fest. |
| 17.3.7 | Is-Sindku informa l-Kunsilliera preżenti li waslet ittra minn Transport Malta fejn dawn waslitilom ittra mingħand Għaqda Muzikali Pompei fejn spjega li fit 2 ta' Lulju kitbu lill Kunsill u fil-5 ta' Lulju kitbu lill Transport Malta. Is-Sindku spjega li dawn dejjem ikkonsultaw mal- |

| | |
|---|---|
| | Kunsill u mexxew flimkien imma din id-darba qabżu lil-Kunsill u is-Sindku sostna li mhux aċċettabli li isir dan l-aġir. |
| **17.4** | **<u>Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera</u>** |
| 17.4.1 | Dgħajjes- Towing |
| 17.4.2 | Inqabel li jittiehed parir Legali Dwar il-kwestjoni tat-towing ta laneċ u dgħajjes abbandunati. Il-Kunsill qabel li jitħalsu l-ispejjes kollha tat-Towing. Janice Chetcuti ġibdet l-attenzjoni sabiex dawn il-laneċ wara 30 ġurnata li jiġu konfiskati jiġu verament jiġu meqruda jekk is-sid ma jħallas spejjeż. Daniel spjega kif wara dan iz-zmien is-sid jitlef id dritt fuq il-lanċa . |
| 17.4.3 | Cameras. Tweħlu cameras fill-pjazzez u is-sindku staqsa lill tal-cameras jekk hux possibli li jkollhom cameras li jimxu min post għall iehor sabiex ikun hemm sorveljanza aħjar. Il kunsillier Stephen Caruana staqsa jekk hux possibli li jiżdiedu aktar Cameras. |
| 17.4.4 | By laws Public Conveniance |
| 17.4.5 | Ġiet diskussa l-aġġustament tal-postijiet tal-Monti u dgħajjes. Il-Kunsill qabel unanimament li b'dan l-aġġustament ser jiġu organizzatti kemm il-Bejjiegħa tal-Monti u is-Sajjieda, kif ukoll li naġevolaw li jitmexxew id-dgħajjes u ma jingħalqux passaġġi. |
| 17.5. | **<u>Attendenza L-Onorevoli Jean Claude Micallef.</u>** |
| 17.5.1 | Briefing qasir. |
| 17.5.2 | L-Onorevoli ġie aġġornat fuq il-qbil mal-għaqdiet tal festa fejn enfasizza li jara il-Marsaxlokk li jkun ħaj u jħeġġeġ is-Sindku jgorr resposabilata'u jieħu deċizjonijiet bl-aħjar mod. |
| 17.5.3 | **Barumbara**. L-Onorevoli Qal li ser ikun qed jappoġġja il-proġett ta aktar zoni ta ħdura u il konservazzjoni tal Barumbara. |
| 17.5.4 | **Camping sites**. L-Onnorevoli spjega kif propona dan il-progett sabiex tiġi indirizzata l-illegalta' tal-Campers. Tfasslu proposti li ġew ipprezentati lill-Ministru tal-Ambjent u l-ERA, fejn dawn intlaqgħu sew. Tkellem ukoll kif jixtieq li jkun hemm possibilta' li il-kunsilli ikollhom revenue minn dan il proġett.<br><br>Janice Cetchuti uriet it tħassieb taħha dwar l-artijiet li ġew identifikati bħala potenzjal għall dan il-proġett u l-Ono. Iċċara li dawn huma kollha 100% artijiet tal-Gvern. Kompla jgħid li dan il proġett ġie mfassal sabiex estetikament ikun jidher tajjeb u mmaniġjat b'kontroll peress li jkun hemm rekord tan-nies li jużaw il-post fejn dawn iħlas ugħas servizzi ta tindif, ilma dawl etc. Tenna li biex jiġi żviluppat dan il-post iridu jiżdiedu b'mod qawwi is-siġar, dan sabiex jittafa sound pollutionu. Dawn il-Camping sites ukoll jattiraw turisti li għandhom dan il-passatemp.<br>Is-Sindku propona li li jintgħazlu żewġ siti; Intlaħaq qbil fuq Delimara fil-ġenb u Fil-ġenb Tat-torri ta San Luċjan. |

| | |
|---|---|
| 17.5.5 | **Riġenerazzjoni tal-Port**. L-Ono. Spjega kif mhux biżżejed li jsir Break Water wieħed fuq in naħa tat *Tex Mex.* Hu ippropona li aktar milli jissewa il-break water li hemm eżistenti, li dan ukoll jinsab fi stat prekarju, dan jikber fit tul u jissaħħaħ. Spjega kif dan għandu jinbena b'mod li s jippromovi iċ-ċirkulazzjoni tal-ilma u jissalvagwardja l-impatt ambjentali.<br>Kompla jispjega kif il- proġett isir mill-privat u tiżdied Marina b'mod li jiġu aġevolati is-sajjieda ukoll.<br><br>Ġiet ukoll diskussa il-Hard standing Facility.<br>Sar qbil li jsir break down tal progett sħieħ , ssir diskussjoni ma l-isteak holders kollha , sajjieda residenti għqdiet etċ.. u dan jigi propost lill-Gvern. |
| **17.6** | **<u>Deċizjoni dwar l-attivitajiet tal Festa.</u>** |
| 17.6.1 | Qabel il-Laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa mal- għaqdiet tal- festa. Il-Kappillan iċċara l-posizzjoni tiegħu dwar i-festa fejn stqarr li l-attivitajiet m'għandhomx isiru f'isem il-festa minħabba id-direttivi li ħarġu min-naħa tal-kurja minħabba il-pandemija tal-Covid19. L-Għaqdiet argumentaw li l-attività' li kienet diskussa li issir mill-erba' għaqdiet fit- 30 ta' Lulju kellhom il permess min għand il-kappillan imma il kunsill waqqaf il-permessi. Bejniethom ukoll l-għaqdiet kellhom diżgwid f'isem min ser tkun l-attività'. Il-Kunsill u l-Għaqdiet finalment qablu bejniethom sabiex fid-dawl taċ-ċirkustanzi, issir attività waħda, il-Ħadd ta' qabel il-festa, ċioè 26 ta' Lulju mill-Għaqdiet kollha u matul il-ġimgħa tal-festa jekk iridu jorganizzaw attività,' issir, basta mhux f'isem il-festa jew l-għaqda. Il-Kunsill ħareġ stqarrija dwar dan. |
| **17.7** | **<u>Stima tal-Binja Tal-Kunsill</u>** |
| 17.7.1 | Hemm projection ta' kemm bejn wieħed u ieħor ser tiswa il-binja tal-kunsill il-ġdid. |
| **17.8** | **<u>Laqgha Pubblika</u>** |
| 17.8.1 | Peress li Laqgħa pubblika ma saritx f'April minħabba il-pandemija giet appuntat li ssir fis-17 ta' Settembru 2020 fis 6.00pm. |
| **17.9** | **<u>Kunsiderazzjoni u approvazzjoni Tal-iskedi tal-pagamenti</u>** |
| 17.9.1 | Petty cash, Proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| 17.9.2 | Skeda Pagamenti proponiet Elenia Desira u ssekonda Stephen Caruana |
| **17.10** | **<u>Planning</u>** |
| 17.10.1 | Is-Sindku fakkar li hemm id-deċizjoni tal-Barumbara. |
| 17.10.2 | Rapport ta' xi ħadd li weġġa bir-rota xi sentejn ilu fejn intbgħatet ittra mill-Qorti u l-Avukat irrisponda. |

| | |
|---|---|
| **17.11** | **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss</u>** |
| 17.11.1 | Is-Seduta tal-Kunsill Lokali ntemmet fis-19:00pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda, u ġiet aġġornata għal nhar il-Ġimgħa 13 t' Awwissu , fil-16:00pm. |

Konfermati, illum 13 t' Awwissu 2020.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

________________________

Steven Grech
Sindku

________________________

Charles Attard
*Deputat Segretarju Eżekuttiv*